FGURA

Minuti tal-ħamsa u ħamsin laqgħa tal-ħames Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum 27 ta’ Jannar 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-7.05pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` CLJ |
| Viċi-Sindku | Dr. E. Grech M.D. – 7.30pm. |
| Kunsillieri: | Is-Sur P. Dalli<br>Is-Sinjura R. Cutajar<br>Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sur C Agius<br>Is-Sur M Lombardo – 7.08pm.<br>Is-Sur C Bonello – 7.50pm |
| **Segretarju:** | Is-Sur A. Grima |

Is-Sur A. Debono kien informa li ma setgħax jattendi.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Approvazzjoni ta’ Minuti

1.1 **Minuti tal-Laqgħa 11 ta’ Diċembru 2008** – Saret diskussjoni fuq il-minuti kif imqassma ma’ l-Agenda. Wara s-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti ppreżentati. Il-minuti tal-laqgħa tal-11 ta’ Diċembru 2008 kienu approvati nem con.

## 2.0 Korrispondenza

2.1 Ma kienx hemm korrispondenza mmarkata sabiex tinqara.

Is-Sur M Lombardo daħal fil-kamra – 7.08pm.

## 3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku għamel referenza għal korrispondenza li rċieva l-Kunsill mingħand żviluppatur ta’ art fi Triq il-Ġiżi k/m Triq Liedna. Wara li saret diskussjoni, ma kienx hemm oġġezzjoni li l-ħajt jinbena fuq it-tarf tal-bankina sakemm isir l-iskavar neċessarju. Dan sakemm issir bankina temporanja fil-post għall-użu tal-pubbliku.

3.2 Is-Sindku nforma li nhar l-20 ta' Frar 2009 fis-1.00pm. kien ser iżur il-Kunsill l-attache' Amerikan f'Malta.

3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-eżitu ta' dak li kien diskuss fil-laqgħa tal-Kumitat Konġunt fir-rigward tas-servizz mogħti mill-gwardjani lokali kif ukoll il-ħlasijiet miżmuma mill-Kunsill Lokali Fgura. Saret diskussjoni. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni dwar il-proċedura li kienet qed tintuża sabiex jinżammu dawn il-ħlasijiet in vista ta' dak li jesiġi l-ftehim ta' koperazzjoni f'ċirkustanzi fejn is-servizz ma jkunx qed jingħata kif mitlub. Tkompliet id-diskussjoni.

3.4 Is-Sindku għamel referenza għal ittra mill-Perit Muscat dwar xogħlijiet li saru fi Triq F. Abela. Is-Sindku għamel referenza wkoll għal laqgħa li saret fil-post fil-preżenza tal-Kuntrattur Schembri kif ukoll l-istess Perit. Saret diskussjoni. Din il-materja kellha tkun riżolta bejn il-kuntrattur u l-istess żviluppatur minħabba li l-Kunsill ma kienx ordna xogħlijiet f'dik it-triq. L-Iżviluppatur kellu jkun infurmat dwar dan.

3.5 Is-Sindku nforma dwar talba li kellu l-Kunsill sabiex tintuża l-clubhouse bħala post temporanju minn fejn jingħataw is-servizza ta' berġa sakemm isiru xogħlijiet ta' tisbieħ fil-binja tal-berġa eżistenti. Ma kienx hemm oġġezzjoni għal dan.

3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar offerta mill-kumpanija Melita dwar is-servizz tat-telefon Hello. Saret diskussjoni. Ma kienx hemm oġġezzjoni li l-Kunsill japplika għal din l-offerta.

3.7 Is-Sindku għamel referenza għal Memo 2/2009 dwar ħatra ta' Kunsillier għal żvilupp sostenibbli. Saret diskussjoni. Wara s-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2417/09/5 "Sabiex is-Sur Saviour Camilleri jinħatar Kunsillier responsabbli minn Żvilupp Sostenibbli. Is-Sindku għandu jkun sostitut kif ukoll jassisti f'din il-ħidma". Din kienet sekondata mis-Sinjura R Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2417/09/5 kienet approvata nem con.

3.8 Is-Sindku ppropona li jsiru s-sinjali u marki tat-traffiku neċessarji fi Triq Sant'Antnin u Triq Pepprin issa li tlestew ix-xogħlijiet ta' asfaltar u bankini. Is-Sur S Camilleri ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill xogħlijiet illegali li kienu saru minn terzi persuni fl-istess triq wara li tlesta x-xogħol mill-Kunsill. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li tintbagħat ittra bl-avukat fejn ir-resident jinżamm responsabbli ta' dan ix-xogħol kif ukoll kull dannu li jista' jirriżulta.

Il-Viċi-Sindku daħal fil-kamra – 7.30pm.

3.9 Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2418/09/5 "Sabiex isiru parking bays fi Triq Pepprin u Triq Sant' Antnin minn Koptasin bi spiża ta' €826 skond l-istima". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2418/09/5 kienet approvata nem con.

3.10 Is-Sindku ppropona li jsiru barriers fi Triq il-Karmnu k/m Triq il-Kitba bħala sigurta għat-tfal ta' l-iskola. Saret diskussjoni. Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2419/09/5 "Sabiex isiru u-shape barriers bejn Triq il-Karmnu k/m Triq il-Kitba mill-ħaddiema tal-IPSL bi spiża ta' mhux aktar €200 wara li

jinġiebu l-permessi neċessarji". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2419/09/5 kienet approvata nem con.

3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar varjazzjonijiet fix-xogħol fil-qasam tal-bini tal-gvern wara li rriżulta li s-servizzi tad-drenaġġ li kienu għaddejjin minn taħt it-triq kienu difettużi. Is-Sur S Camileri ġibed l-attenzjoni għal email li kien bagħat dwar din il-materja filwaqt li staqsa jekk dawn ix-xogħlijiet kienux awtorizzati sabiex il-Kuntrattur ikompli. Is-Sindku nforma li dawn ix-xogħlijiet ma kienux approvati mill-Kunsill. Saret diskussjoni.

3.12 Saret diskussjoni wkoll dwar xogħlijiet li jidhru fil-pjanta li kellhom isiru u li ma sarux. Saret diskussjoni. Il-Perit D Falzon kellu jkun infurmat sabiex jiżgura li x-xogħlijiet isiru skond il-pjanti approvati.

3.13 Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar opri tal-baħar li kienu pparkjati madwar il-qasam tal-bini tal-Gvern. Is-Sur M Lombardo nforma lill-Kunsill dwar parkeġġ abużiv li kien qed isir fi Triq is-Summiena. Saret diskussjoni.

3.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar offerta li rċieva l-Kunsill mingħand Compunet sabiex jiġi mibdul printer eżistenti Epson ma' Laser Printer ieħor ta' l-istess ditta. L-Ispiża tal-Kunsill kienet tinvolvi x-xiri tal-cartridge. Saret diskussjoni. Ma kienx hemm oġġeżżjoni li jinbidel dan il-printer.

3.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill bir-risposta li kien bagħat l-Avukat R Mangion f'isem il-Kuntrattur Ells. Is-Sindku ddikjara li r-riferenza li saret għalih fl-istess ittra kienet tinvolvi telefonata li saret lilu mill-kuntrattur fejn huwa (is-Sindku) kien infurmah biss sabiex jikteb lill-Kunsill. Saret diskussjoni dwar il-kontenut ta' l-ittra ta' l-Avukat R Mangion.

Is-Sur C Bonello daħal fil-kamra – 7.50pm.

3.16 Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2420/09/5 "B'referenza għall-ittra ta' Dr Robert G.Mangion f'isem Ells Urban Limited, dan il-Kunsill ma jaċċettax il-proposta u jinsisti fuq it-talba oriġinali". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur P Dalli, Sur C Agius, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.

. Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2420/09/5 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġt astenzjonijiet.

3.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar risposta mill-MEPA dwar l-applikazzjoni għal Locality Map biswit il-kumpless Galleria. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li kellu jsir kuntatt mal-Kunsill Lokali Paola dwar il-materja.

3.18 Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għal offerti għal xogħlijiet ta' bankini, minħabba li l-kuntratt attwali kien jiskadi fi Frar. Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2421/09/5 "Sabiex toħroġ sejħa għall-offerti PAV-17-09 peress li l-kuntratt preżenti jiskadi fi Frar". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2421/09/5 kienet approvata nem con.

3.19 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar kollaborazzjoni li setgħet issir mal-Kunsill Malti għall-Isports dwar attivitajiet sportivi. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li l-Kunsill juri l-interess tiegħu f'dawn l-attivitajiet. Sadanittant kellha tissejjaħ laqgħa magħhom. Is-Sindku u s-Sur P Dalli kellhom jattendu.

3.20 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar talba li kellu mill-Kappillan sabiex issir 'keep clear' quddiem il-Knisja. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li jkunu ordnati ż-żewġ tabelli li nsterqu. Sadanittant kellha ssir verifika mal-liġi dwar parkeġġ quddiem knejjes. Is-Sur C Bonello ppropona li tkun esplorata l-possibilita' mal-Kappillan sabiex jersaq il-'bus stop' aktar lejn il-Knisja sabiex b'hekk awtomatikament ma jkunx jista' jsir parkeġġ quddiem il-Knisja. Saret diskussjoni.

3.21 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar reklam mill-ADT li deher fil-gażżetta dwar xogħlijiet fi Triq il-Foss. Huwa ppropona li l-ADT tintalab tipprovdi l-pjanti sabiex dawk ir-residenti nteressti jkunu jistgħu jaraw dawn il-pjanti fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 4.0 <u>Progress ta' Ħidma</u>

4.1 Is-Sur C Agius għamel referenza għal ilmenti dwar marki tat-traffiku quddiem garaxxijiet vis-a-vis il-liġi li tirregola din il-materja. Saret diskussjoni.

4.2 Is-Sur C Agius ppropona li jinxtraw kotba li kien irċieva l-Kunsill. Wara s-Sur C Agius ressaq mozzjoni ref: 2422/09/5 "Sabiex jinxtara l-ktieb b'referenza għall-ittra ta' Edward Attard bi spiża ta' mhux aktar minn €10". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2422/09/5 kienet approvata nem con.

4.3 Is-Sur C Agius ressaq mozzjoni ref: 2423/09/5 "Sabiex jinxtraw l-kotba annessi minn Wise Owl Publications Malta at War Volume 1/2/3 u Nagħrfu l-leġġendi Maltin għal mhux aktar minn €200". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2423/09/5 kienet approvata nem con.

4.4 Is-Sinjura R Cutajar għamlet referenza għal applikazzjoni pendenti li kellu l-Kunsill sabiex issir lampa ġdida fi Triq il-Foss, kif ukoll positjiet oħra fejn setgħu isiru lampi oħra ġodda.

4.5 Wara s-Sinjura R Cutajar ressqet mozzjoni ref: 2424/09/5 "Sabiex il-Kunsill jgħamel żewġ lampi ġodda waħda fi Triq San Tumas bejn Merħba u Mahatma Gandhi (viċin Styles) u oħra fi Triq Valperga k/m Ġeranju bejn Ġeranju u Triq il-Ward tax-Xemx (Dar 115) bi spiża ta' mhux aktar minn €600 u il-Kunsill iqabbad lill-Ing. Buttigieg biex jispezzjona Triq Dejma biex jara fejn l-aħjar li

jsiru bozoz ġodda". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2424/09/5 kienet approvata nem con.

4.6 Is-Sinjura R Cutajar staqsiet dwar l-eżitu tal-laqgħa li kellha ssir dwar il-bring in sites. Is-Sindku nforma li din il-laqgħa kellha ssir nhar id-9 ta' Frar 2009. Saret diskussjoni.

4.7 Is-Sinjura R Cutajar staqsiet dwar jekk kienux saru aktar laqgħat tal-Kumitat ta' tmexxija li kien twaqqaf mill-OIWAS fir-rigward tad-dar ta' l-immigranti rregolari fi Triq il-Liedna. Is-Sindku nforma li fil-futur kien ippjanat li l-pulizija titlob laqgħa magħhom. Saret diskussjoni.

4.8 Is-Sur S Camilleri nforma lill-Kunsill bl-eżitu ta' laqgħa li saret l-ADT dwar xogħlijiet ta' culverts fi Triq is-Sur. Saret diskussjoni.

4.9 Is-Sur S Camilleri nforma lill-Kunsill dwar materja diskussa waqt laqgħa tas-sottokumitat imwaqqaf mill-Kunsill dwar pubblikazzjoni ta' nformazzjoni dwar il-Fgura, filwaqt li għamel referenza għall-web-site li kienet twaqqfet. Saret diskussjoni.

4.10 Is-Sur S Camilleri staqsa jekk il-Kunsill kienx ħareġ 'no objection' għall-attivita' li saret nhar it-28 ta' Diċembru 2008. Is-Segretarju nforma li l-Kunsill ma kienx ħareġ 'no objection' għal din l-attivita'. Saret diskussjoni. Wara s-Sur S Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2425/09/5 "Biex dan il-Kunsill jindaga mal-pulizija biex jikkonferma jekk jew min ħareġ il-permess biex tingħalaq it-triq Vjal il-Kottoner u ssir l-attivita li saret fit-28 ta' Diċembru 2008". Din kienet sekondata mis-Sinjura R Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2425/09/5 kienet approvata nem con.

4.11 Is-Sur S Camilleri għamel referenza għall-laqgħa mal-Wasteserv dwar bring in sites li ssemmiet aktar qabel. Dan in vista ta' l-istrateġija dwar l-iskart kif imħabbra fil-media u kif din setgħet taffettwa b'mod negattiv il-finanzjament tal-Kunsill jekk ikun deċiż li jitnaqqsu dawn il-bring in sites. Saret diskussjoni. Is-Sur S Camilleri staqsa jekk kienux ġew identifikati postijiet fejn dawn setgħu isiru. Is-Sindku nforma li kellhom isiru diskussjonijiet mal-Wasteserv dwar din il-materja. Wara din il-materja tkun riferuta għall-attenzjoni tal-Kunsill sabiex jittieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa. Tkompliet id-diskussjoni.

4.12 Is-Sur S Camilleri staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva l-ħlas lura mill-AKL dwar l-akkomodazzjoni tas-Sindku waqt il-laqgħa li saret fil-lukanda Dolmen f'Novembru 2008. Is-Segretarju nforma li kellu jivverifika dwar din il-materja.

4.13 Is-Sur P Dalli nforma lill-Kunsill dwar offerta marbuta ma' xiri ta' siġar taż-żebbuġ. Saret diskussjoni dwar din l-offerta vis-a-vis il-ħtiġijiet tal-Kunsill. Wara s-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2426/09/5 "Sabiex il-Kunsill jixtri siġar ta' żebbuġ minn għand Agricultural Co-operative Ltd l-ammont 9 siġar bi spiża ta' mhux aktar minn €67.00 Redent Gauċi, Reggie Miller, George Stevens". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2426/09/5 kienet approvata nem con.

4.14 Is-Sur P Dalli nforma lill-Kunsill dwar periklu li kienet qed toħloq siġra li kienet tinsab quddiem Tal-Mina Butcher fi Triq Hompesch, kif ukoll offerta li kellu mill-istess sid sabiex tinbidel din is-siġra. Saret diskussjoni. Wara s-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2427/09/5 "Sabiex tinbidel is-siġra li hemm fil-pot ta' Ħompesch Road kantuniera ma Triq Karmelitani. Bħala bdil ser tiġi mghotija pjanta oħra min għand sid il-ħanut ta butcher. Għalhekk qed nitlob biex qabel isir xogħol għandu jitkellem ma contract manager ħalli naraw x'pjanta jew siġra għandha tiġi mħawla". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2427/09/5 kienet approvata nem con.

4.15 Is-Sur P Dalli ppreżenta kwotazzjoni mill-kuntatur Wilson Mifsud sabiex jinqalgħu żewġt siġriet infettati bil-bumunqar aħmar fi Pjazza R Miller. Saret diskussjoni. Wara s-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 2428/09/5 "Sabiex Wilson Mifsud jaqla żewġ siġriet tal-palm li hemm fi ġnien Reggie Miller kaġun ta' Bumunqar għall spiża ta' mhux aktar minn €120". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2428/09/5 kienet approvata nem con.

4.16 Is-Sur P Dalli nforma lill-Kunsill dwar e-mail li kien irċieva mingħand Leon Promotions dwar ativitajiet tal-Karnival. Saret diskussjoni. Kellhom ikunu esplorati jekk kienx fadal żmien kif ukoll l-ispejjez sabiex tkun orġanizżata attivita' simili.

4.17 Is-Sur P Dalli nforma lill-Kunsill dwar tournament tal-futbol organiżżat minn Puttinu cares. Saret diskussjoni.

4.18 Is-Sur P Dalli ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill dossier ippreparat mill-Fgura U.F.C. dwar il-proġett li kellhom fi Triq Valperga biswit is-swar. Saret diskussjoni. Kien hemm qbil li tintalab laqgħa sabiex il-Kunsill jiltaqa' mal-Kumitat ta' Fgura U.F.C.

4.19 Is-Sindku għamel referenza għall-ħlasijiet ta' web hosting in vista ta' l-iżvilupp riċenti tal-web-site flimkien mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Wara huwa ressaq mozzjoni ref: 2429/09/5 "Sabiex il-Kunsill iwaqqaf il-ħlasijiet tal-Maltanet għall-web hosting". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2429/09/5 kienet approvata nem con.

## 5.0 Approvazzjoni ta' Listi

5.1 **Purchase Request Forms** – Wara li saret diskussjoni fuq il-listi ppreżentati Dok'A' annessi, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2430/09/5 "Sabiex jiġu approvati l-Purchase Request Forms annessi". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur P Dalli, Sur C Agius, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.

. Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2430/09/5 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġt astenzjonijiet.

5.2 Saret diskusssjoni dwar il-ħlasijiet pendenti għas-servizz tal-knis vis-a-vis rapporti mill-Contract Manager. Saret diskussjoni. Wara s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2431/09/5 "Sabiex jitqabbad il-Contract's Manager tas-servizz tal-knis sabiex jikkwantifika l-ammont ta' xogħol tajjeb li sar minn mindu beda s-servizz sa l-aħħar xahar. Dan wara diversi rapporti mingħandu stess dwar nuqqasijiet tal-kuntrattur". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2431/09/5 kienet approvata nem con.

5.3 **Ħlasijiet** - Wara li saret diskussjoni fuq il-listi ppreżentata Dok'B' annessi, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2432/09/5 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet annessi bl-eċċezzjoni tal-Pagament dirett ma l-Aġenzija tal-Gwardjani. Dawk il-ħlasijiet l-oħra relatati mat-Tribunal Lokali għandhom jitħallsu u l-ħlas tal-knis għandu jinżamm". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku.

Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur P Dalli, Sur C Agius, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.

. Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2432/09/5 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġt astenzjonijiet.

## 6.0 Ħlasijiet permessi tqegħid materjal tal-bini

6.1 Saret diskussjoni fuq it-talba li kellu l-Kunsill mingħand is-Sur P. Vella in vista ta' parir legali u d-direzzjoni mogħtija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Wara li saret diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2433/09/5 "Sabiex il-Kunsill ma jaċċettax it-talba ta' Patrick Vella wara l-parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill u wara li s-Sur Natalino Attard naqas li jikjarifika wara li s-Segretarju bgħatlu fil-15 ta' Diċembru 2008". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku.

Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi-Sindku, Sur P Dalli, Sur C Agius, Sur S Camilleri, Sinjura R Cutajar.

. Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur C Bonello, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2433/09/5 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u żewġt astenzjonijiet.

## 7.0 <u>**Proġetti Energy Saving – Memo 38/2008**</u>

7.1 Wara li saret diskussjoni dwar din il-materja, kien hemm qbil li d-Dipartiment ikun infurmat li l-Kunsill jinsab interessat f'din l-inizjattiva bħala parti mill-proġett ta' bini amministrattiv tal-Kunsill.

## 8.0 <u>**Aġġornament**</u>

8.1 Il-Laqgħa ntemmet fl-10.00pm u kienet aġġornata għat-tieni Ħamis fix-xahar ta' Frar 2009.

____________________ ____________________

Sindku Segretarju